MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

23 ta' April 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
CONNIE SCERRI – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin bl-eċċezjoni tas-Sinjura Scerri li kienet qed tirkupra wara li ġiet rikoverata l-isptar.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

39.1.1 Ġie preżentat biss ċertifikat ta' mard.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Il-minuti ġew approvati hekk kif preżentati bla korrezzjonijiet.

## 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.3.1 Is-Sindku talab sospensjoni tas-seduta biex jitkellem is-Sur Christopher Micallef - Anti-slip solutions fuq sistema ġdida ta' *rubbery substance anti-slip*, prodott porus, *UV resistant* u jieħu l-kulur ukoll. Il-prezz propost kien €7/sq m/2 coats jew €90/unit. Skont ir-rata tal-kambju jista' jkun hemm xi differenzi per eżempju €7.20. L-*average cure* tiegħu hija 24 siegħa u jrid jiġi applikat sew. Normali kompla jgħid li 50kg ta' trab u 20ltr *liquid sealant* jagħmel *area* ta' bejn 22 u 26 sq m bil-prezz ta' €90. Il-Kunsill ħa jikkunsidra il-prezz u jara jekk hemmx xogħolijiet li jistgħu isiru u fil-każ isir kuntatt mas-Sur Micallef. Is-Sur Micallef ħalla l-kamra.

39.3.2 Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Charles Caruana President tal-Attard Futbol Klabb u s-Sur Andre Sammut. Kien ġie mħejji *draft contract* kif anness tal-kiri tal-Uffiċċini l-ġodda imma hemm problema żghira fuq il-kera. Is-Sur Caruana qal li l-kera tinħadem fuq il-*going rate* . Dan għaliex qed tintalab kera extra meta klabbs jikru postijiet lill-entitajiet oħra. Is-Sur Spiteri saqsa kemm hi din il-kera extra minn dik ġa kwotata. Huma qalu li ma jafux imma li c-CEO ta' Sports Malta is-Sur Chris Bonnett qal li jekk il-post ikun ħa jinkera għall-skop soċjali tista' tiġi posposta għall-ewwel ħames snin. Is-Sur Spiteri qal li l-Kunsill m'għandux iħalli piż għall-Kunsill ta' warajh ġaladarba l-elezzjonijiet tal-Kunsill is-sena d-dieħla. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa li tintbagħat ittra lis-Sur Silvio Parnis, lid-Dipartiment tal-Artijiet u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex issir eċċezzjoni u niġu eżentati milli nħallsu din il-miżata. Wara kollox il-post fejn qegħdin ikkundannat. Kien hemm qbil li tintbagħat din l-ittra tiġi ffirmata mis-Sindku u l-President tal-Futbol Klabb, tiġi reġistrata kif ukoll li jinbeda x-xogħol fuq il-BOQ sabiex il-Kunsill iħejji biex jiċċaqlaq minn hawn għal Ġnien Ħal-Warda.

Tkompliet l-Agenda.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

39.3.3 Li kellu talba biex isir Wi-fi ġo Ta' Qali minn Elton Micallef sabiex jiġi mmiljorat il-prodott artiġġjanali. Din tikkonsisti f'applikazzjoni għall-fondi imma l-Kunsill wara jrid isostni l-ispiza tal-hekk imsejjħa hosting tal-wi-fi fis-sena. Ma kienx hemm qbil fuq dan sakemm il-Kunsill jeħel xi spejjeż hu. Jekk ikun mod ieħor iva.

39.3.4 Pjanti sabiex jinbeda x-xogħol fuq il-proġett ta' rrangar ta' parkeġġ fi Triq il-Katlan li se jiswa €56,532.45. Il-Kunsill qabel mal-proġett hekk kif disinjat mill-Perit u għandu jinbeda x-xogħol fuq l-applikazzjoni għall-fondi PDF.

39.3.5 Kopja ta' rappreżentazzjoni t'oggezzjoni li saret mill-Perit fuq il-bini ta' Supermarket b'Class 4D shop, b'38 appartment mqassma fuq 4 sulari u 3 sulari ta' underground parking fi Triq il-Linja li se jieħu post Scotts Supermarket fi Triq l-Għenba. Ġie kjarifikat li Scotts se jagħlaq post u jiftaħ ieħor.

39.3.6 Talba minn Transport Malta sabiex il-Kunsill ta' Ħal Lija jagħmel Triq Annibale Preca *one-way* minn Kappella tal-Mirakli sal-istatwa tal-Madonna bejn is-7am u d-9am. Is-Sur Cassar qal li mhux sewwa għax meta kien hemm it-talba tal-Kunsill fi Triq il-Linja Transport Malta neħħietha wara tlett xhur, issa qed jipproponuha huma. Il-Kunsill ha joġġezzjona.

39.3.7 Kien hemm rapport sabiex isiru potholes li qed jiġi maħsub li huma konnessi mal-proġett tal-by-pass. Il-permess għalissa ma ngħatax.

39.3.8 Permessi sabiex maisonettes fi Triq Dun Gwann Theuma u Dun Alwig Galea jkunu jistgħu jitwaqqgħu u jsiru appartamenti. Se sir oggezzjoni.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

39.4.1 Is-Sur Alfred Zammit:

- Talab kjarifika fuq item 38.5 dwar it-Tender tad-Dawl. Is-Sur Cordina spjegalu li trid terga' tiġi ri-evalwata minn tlett evalwaturi oħrajn minħabba li saret oggezzjoni mal-PCRB minn Enemalta u dik hi ssentenza li ingħatat.
- Rega' talab biex il-*bus shelters* jinħaslu u qal li l-bins mimlijin ukoll. Il-knis rega' qatgħa lura. Is-Sindku qal li l-Gimgħa darhom kollha mal-kuntrattur. Is-Sur Zammit qal li bin minnhom kien ilu mimli tlett gimgħat. Is-Sur Cordina qal li jitbattlu imma jerġgħu jintlew biż-żibel li jitfgħu in-nies.
- Talab li jsir xi ħaga fuq dawk iż-żewġ skips li hemm ħdejn il-Knisja minħabba li qed jiġġeneraw ħafna skart. U huma *eyesore.*
- Li l-ħajt fi Triq il-Wied ta' Rmiedi ġie pulit ħafna pero' issa l-aħjar isiru l-*parking bays* u li hemm bżonn jitranġa l-ħajt fuq in-naħa ta' barra.

39.4.2 Is-Sur Ralph Cassar:

- Saqsa jekk intbagħtitx l-ittra biex tiġi identifikata area fejn jinżergħu xi sigar kif miftiehem mal-Perit Cassar. Il-Lands identifikat area li mhix mikrija lill-terzi.
- Li sar il-*Clean up* li kif ippjanat f'Wied Irmiedi il-bieraħ u li issa hu l-waqt biex il-Kunsill jerġa' jibda jaħdem fuq l-iSwap Shop.
- Talab li jiltaqa' mal-kuntrattur Charlie Gauci biex ikomplu jaħdmu fuq it-taħwil u l-manutenzjoni ta' Ġonna.

39.4.3 Is-Sur Raymond Azzopardi:

- talab li titnaddaf Ġardina Ta' Fġieni.

- jissewwa ċangun li hemm nieqes minn mal-ħajt tal-ELC.

## 39.5 Tkomplija diskussjoni applikazzjoni Pompa tal-Petrol fi Triq l-Imdina u Bypass ġdida f'Ħ'Attard

39.5.1 Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill irċieva l-EIA mingħand ERA fuq il-pompa l-ġdida tal-petrol fi Triq l-Imdina. Min hu nteressat dan ir-rapport jinsab l-Ufficcju tal-Kunsill.

Rigward il-by-pass fil-25 ta' Marzu l-Kunsill irċieva din ir-risposta għall-e-mail tiegħu tat-22 ta' Marzu li ntbagħtet hekk kif kien mitlub isir waqt il-laqgħa nru. 38 tal-20 ta' Marzu:

L-għodwa t-tajba Ms Mifsud,

Nixtieq nirringrazzja lilek u lill-kollegi tiegħek għas-sehem tagħkom sabiex inkomplu ntejbu l-infrastruttura tat-trasport ta' pajjiżna waqt li nsaħħu l-kwalità ta' ħajja fil-lokalitajiet tagħna.

Qed inqisu t-talbiet tagħkom għal aktar tagħrif u ser inkunu qed inweġbukom mill-aktar fis.

Sadanittant, jekk hemm xi tagħrif jew mistoqsijiet oħra, ikkuntattjana mill-ġdid.

Tislijiet,

**Ing. Fredrick Azzopardi**
Chairman | Enemalta plc

## 39.6 Approvazzjoni ta' *Audited Financial Statements* u Ri-approvazzjoni ta' Business Plan 2018-2020

39.6.1 Is- Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni l-Audited Financial Statements. Il-Kunsill xorta żamm a *positive balance* ta' 9% filwaqt li n-nuqqasijiet waqt l-awditjar kienu vera minimi. Dawn ha jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss waqt li tingħata r-risposta tas-Sindku għall-*Management Letter.*
L-Audited Financial Statements ġew approvati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waħda mill-punti fil-*Management Letter* kien appuntu li bi żvista l-kapitali fil-*Budget* u l-*Business Plan* ma jaqblux. Għalhekk dan qed jiġi ri-approvat biex dawn ikunu jaqblu.

Kulħadd qabel.

## 39.7 Rapporti

39.7.1 Ma kienx hemm rapporti..

## 39.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

39.8.1 Iċ-ċedola ġiet approvata.

## 39.9 Mozzjonijiet; u

39.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 39.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

39.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Mejju 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 28 ta' Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |